MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 2/2003

**Michael u Emerenzjana konjuġi Farrugia;**
**U**
**Emanuel Joseph Farrugia .**

**VS**

**Christopher Grech.**

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-konjuġi Michael u Emerenzjana Farrugia huma s-sidien tal-vettura BBH 608 tal-marka Honda Prelude;

Illi fil-ħdax (11) ta’ Mejju 2002, din il-vettura kienet tinsaq minn Emanuel Joseph Farrugia matul Triq Borg Għarib, limiti ta’ Għajnsielem fid-direzzjoni minn Victoria lejn il-Qala; u dan għal ħabta tas-sagħtejn u nofs ta’ fil-għodu (2.25a.m.);

Illi fil-mument illi din il-vettura kienet waslet kważi biswit Mġarr Road, Nadur, minn fuq l-*istop sign* illi tiddelimita l-

punt fejn tispiċċa Mġarr Road, Nadur, ħarġet vettura FBE 261 tal-marka Toyota illi wara rriżultat illi kienet misjuqa mill-konvenut Christopher Grech;
Illi minħabba f'dan l-esponenti Emanuel Joseph Farrugia la kellu opportunita' iwaqqaf il-vettura tiegħu u lanqas illi jevita l-kolliżjoni tant illi seħħet kolliżżjoni vjolenti bejn iż-żewġ vetturi;

Illi għal dan l-inċident jaħti unikament u esklussivament il-konvenut minħabba traskuraġni grassa fis-sewqan tiegħu, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku u tas-senjelitika fuq il-post, u nuqqas ta' żamma ta' *proper look out* da parti tiegħu kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi per konsegwenza tal-inċident imsemmi l-konjuġi Farrugia sofrew danni konsistenti fi ħsarat inġenti fil-vettura tagħhom, ħsarat illi probabilment irrendew dik il-vettura '*beyond economic repair'*; kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża; kif ukoll tilfu l-użu tal-vettura tagħhom kemm din iddum tissewwa jekk tissewwa;

Illi wkoll per konsegwenza tal-istess inċident l-attur Emanuel Joseph Farrugia sofra feriti personali illi kkaġunawlu danni inġenti sia minħabba danni emerġenti kif ukoll lukri ċessanti peress illi huwa baqa' jsofri minn debilita' permanenti kif jiġi dettaljatament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Illi l-atturi jridu jiġu riżarċiti għad-danni hekk sofferti minnhom;

Illi l-atturi għażlu illi jippreżentaw iċ-ċitazzjonijiet tagħhom minħaba l-konnessjoni intima bejn iż-żewġ talbiet tagħhom u minħabba illi x-xhieda huma identiċi jew kważi identiċi.

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjarak unikament responsabbli għall-inċident stradali illi seħħ fil-11 ta' Mejju 2002 bejn il-vettura

BBH 608 proprjeta' tal-konjuġi Farrugia atturi, u misjuqa mill-attur Emanuel Joseph Farrugia fuq naħa, u l-vettura FBE 261 misjuqa minnek fl-inħawi tal-inkroċju bejn Mgarr Road, u Triq Borg Għarib, fil-limiti ta' Għajnsielem u dan fil-11 ta' Mejju 2002 għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' fil-għodu;

2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi konjuġi Farrugia billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur Emanuel Joseph Farrugia billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

4. Tikkundannak tħallas dawn id-danni kif likwidati, sia lill-atturi konjuġi Farrugia, kif ukoll lill-attur Emanuel Joseph Farrugia.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra interpellatorja tal-25 ta' Lulju 2002, u tal-ittra uffiċjali spedita kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni lill-kumpanija assikuratriċi tiegħek GasanMamo Insurance Agency Ltd, kontra tiegħek.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Emanuel Farrugia.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi huwa qiegħed jikkontesta t-talbiet attriċi fl-ewwel lok billi l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni seħħ unikament ħtija tas-sewqan ta' l-attur Emanuel Joseph Farrugia. Il-kaġun ta' dan l-inċident kien l-ispeed esaġeratament qawwi da parti tiegħu. B'konsegwenza ta' dan, l-attur ma kienx viżibbli għall-konvenut u l-attur

poġġa lilu nnifsu fl-impossibilita’ li jirreaġixxi fl-emerġenza li nħolqot.

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-eċċipjenti qiegħed ukoll jikontesta l-entita’ tad-danni sofferti mill-atturi.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenut kkonfermata bil-ġurament ta' Mari Grech.
Rat id-digriet tagħha tas-27 ta' Marzu 2008 fejn innominat lill-kirurgu Mr. Carmel Sciberras bħala espert mediku biex, wara li jeżamina lill-attur Emanuel Farrugia, jirrelata dwar il-kundizzjoni medika tiegħu.

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert mediku, ippreżentata fit-22 ta' Jannar 2009 u minnu maħlufa fis-6 ta' Novembru 2009.

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi din hija azzjoni kollettiva fejn l-atturi Michael u Emerenzjana konjuġi Farrugia qed jirreklamaw mingħand il-konvenut id-danni kkaġunati fuq il-karozza tagħhom per konsegwenza ta' kolliżjoni stradali li seħħet bejn l-istess karozza, li dak il-ħin kienet qed tiġi misjuqa minn binhom Emanuel u karozza oħra misjuqa mill-konvenut. L-attur l-ieħor da parti tiegħu qed jirreklama d-danni kkaġunati lilu direttament minħabba l-istess ħabta. L-atturi qed jattribwixxu l-ħtija għal din il-kolliżżjoni fuq il-konvenut, li allegatament saq bi traskuraġni u ma osservax ir-regolamenti tat-traffiku meta baqa' għaddej minn fuq *stop sign* mingħajr ma qabel esplora sewwa it-triq prinċipali li kien dieħel fiha.

Il-konvenut Christopher Grech minn naħa tiegħu jallega illi l-kawża ta' dan l-inċident kienet is-sewqan veloċi tal-konvenut Emanuel Farrugia, li kien ukoll qed isuq *on the crown of the road*.

Il-kolliżjoni mertu ta' din il-kawża seħħet għall-ħabta tas-2.25 a.m. fil-11 ta' Mejju 2002 fi Triq Borg Għarib, Għajnsielem, Għawdex,[1] fl-inkroċju bejn l-istess triq, it-telgħa li tieħu għan-Nadur fuq in-naħa tat-tramuntana u Triq Sant'Antnin fuq in-naħa tan-nofsinhar. L-attur Emanuel Farrugia kien għaddej għad-dritt minn Triq Borg Għarib, skond ma jgħid, bl-intenzjoni li jibqa' sejjer fid-direzzjoni tal-Qala, u l-konvenut kien nieżel min-Nadur, bil-ħsieb li jdur fid-direzzjoni tar-Rabat.[2] It-triq kienet xotta u t-temp kien ċar.[3]

Lis-surġent li nvestiga l-kolliżjoni, l-attur **Emanuel Farrugia** *a tempo vergine* qallu illi:

"*Kont ġej minn naħa tax-Xewkija direzzjoni lejn il-Qala u fl-intersection ħarġet il-karozza l-oħra. Jiġifieri bdiet ħa ddur lejn ix-Xewkija u saret il-ħabta."* Is-surġent ikompli jinnota illi*: "Farrugia ġie mistoqsi mill-Pulizija rigward il-veloċita' li kien għaddej u huwa qal lill-Pulizija li kien għaddej bil-75KM/H."* [4]

Fl-affidavit li ppreżenta fil-kors tas-smiegħ tal-kawża, l-istess attur fisser l-inċident *de quo* b'mod aktar dettaljat u qal illi:

"*Fil-mument illi l-vettura tiegħi kienet waslet fl-inkroċju bejn Triq Sant'Antnin u Nadur Road, ma' Triq l-Imgarr, Qala, ħarġet il-vettura illi wara sirt naf illi kienet misjuqa mill-konvenut Christopher Grech… għal fuqi. Din il-vettura ħarġet minn Nadur Road, injorat kompletament l-istop sign illi hemm impittra ma' wiċċ it-triq, u intiża sabiex vetturi illi jkunu ġejjin mid-direzzjoni tan-Nadur jċedu d-dritta lil min ikun ġej fid-direzzjoni minn Victoria għal Qala*

[1] Ara okkorenza relattiva a fol. 58 - 63 tal-process .
[2] ara skizz esebit a fol. 64 .
[3] okkorrenza a fol. 62 .
[4] okkorrenza a fol. 60 .

*u vice-versa, u lanqas ħares mill-mera li hemm hemmhekk.*

*Din il-manuvra il-konvenut għamilha meta jiena kont kważi wasalt f'salib it-toroq. Tant kont viċin, u tant ħasditni l-manuvra inaspettata illi wettaq il-konvenut illi jiena ma kellix lanqas ċans nagħfas il-brake. Difatti għalkemm jiena kont għaddej b'veloċita' moderata, l-impatt kien pjuttost qawwi għaliex ma kellix opportunita' illi nibbrejkja, u wisq anqas inwaqqaf il-vettura tiegħi.*

*Il-konvenut mhux talli ma indenjax ruħu jwaqqaf il-vettura tiegħu, u jeżamina it-triq prinċipali sabiex jara jekk humiex ġejjin vetturi matul din it-triq, iżda talli baqa' ġej għad-direzzjoni tiegħi bl-istess veloċita' li kien fiha qabel. Jiena dan nista' ngħidu għaliex jiena kont konxju mill-vettura tal-konvenut dawk il-ftit metri qabel ma huwa qabad l-istop sign u qabel ma huwa baqa' ħiereġ minn fuqha. Għalkemm kollox ġara f'ħakka ta' għajn, jiena kont konxju tal-manuvra illi kien qed iwettaq il-konvenut. Pero' ma tanix ċans nevita l-ħabta għaliex kont viċin wisq tal-inkroċju.*

*Wara l-kollizjoni jiena waqaft bl-impatt…*" [5]

Il-konvenut, **Christopher Grech**, li kien nieżel min-Nadur, lis-surġent li nvestiga l-ħabta, *a tempo vergine*, qallu illi:

"*Kont nieżel min-Nadur, waqaft, ħarist lejn il-lemin u x-xellug biex nara hux ġej xi ħadd. Rajt it-triq vojta, tajta il-first biex naqla lejn ir-Rabat. U x'ħin kont kważi wasalt fuq il-lane tiegħi biex nibda nimxi lejn ir-Rabat, f'daqqa waħda nara l-karozza l-oħra b'veloċita' qawwija ġejja mid-direzzjoni tax-Xewkija. Rajt id-dawl u saret il-ħabta.*." [6]

Fid-depożizzjoni tiegħu quddiem l-assistent ġudizzjarju spjega illi: "*Dakinhar jiena kont qed inwassal lill-girlfriend tiegħi n-Nadur. Wassaltha n-Nadur u tlaqt lura lejn ir-Rabat. Billi kienet magħluqa t-triq ta' Xhajma kelli ngħaddi*

[5] ara affidavit tieghu a fol. 22 .
[6] okkorrenza fol. 60 .

*mit-triq ta' wara li tinżel…għall-Qala…Kif wasalt ma' l-intesection, ma' salib it-toroq jiġifieri kien hemm l-iStop Sign u jiena waqaft… Waqaft kompletament biex niċċekja jekk hux ġej xi ħadd. Hemmhekk hemm mera u ċċekjajt fiha u ma kien ġej ħadd… Harist lejn kull naħa; lejn in-naħa tal-Qala u lejn in-naħa tar-Rabat, rajt li ma kien ġej assolutament ħadd miż-żewġ naħat, jiena ħriġt ovvjament bil-'First' jiġifieri kont qed naqla' bażikament. Kif wasalt biex ksirt għan-naħa tar-Rabat fuq il-lane tiegħi tiġi l-karozza l-oħra u laqtitni fil-bieba tal-passiġġier tiegħi; fuq quddiem u fuq il-bieba tal-passiġġier tiegħi u bid-daqqa tefgħetni ma nafx eżatt fejn, daqsxejn 'il bogħod…Kont wasalt jiġifieri fit-triq tiegħi…kont ksirt, kont wasalt jiena…*(il-karozza) *kienet dritta lejn ir-Rabta kważi, lejn id-direzzjoni tar-Rabat…*[7]

**Anthony Camilleri**, passiġġier fil-karozza misjuqa mill-attur Emanuel Farrugia u l-unika xhud okulari ta' dan l-inċident, bejn wieħed u ieħor ikkorrobora lill-attur.[8] Fl-affidavit tiegħu spjega kif: "*Emanuel kien sejjer iwassalni d-dar tiegħi li tinsab in-Nadur, iżda peress li triq ta' Xhajma kienet magħluqa aħna għaddejna mit-triq tal-Qala.*

*Malli l-vettura ta' Emanuel waslet fl-inkroċju bejn Triq Sant'Antnin u Nadur Road ma' Triq l-Imgarr, Qala, ħarġet vettura oħra għal fuqna. Wara irriżulta illi din il-vettura kienet misjuqa mill-konvenut Christopher Grech …Din il-vettura ħarġet f'salt minn Nadur Road. F'temp ta' ftit sekondi, jiena rajt dik il-vettura tnaqqas ftit l-ispeed f'inkroċju u tibqa' ħierġa. Jiena stennejt il-vettura tal-konvenut tieqaf, peress li kien hemm żewġ stop signs mit-triq li minnha kienet ħierġa din il-vettura. Iżda l-vettura tal-konvenut ma waqfitx stazzjonarja fl-inkroċju kif suppost wieħed jagħmel fuq stop sign.*

*Peress li f'dak l-inkroċju, vettura li tkun ġejja minn naħa ta' Nadur Road għad-direzzjoni tar-Rabat trid iddur dawra kbira, il-vettura ta' Christopher ġiet fid-direzzjoni tagħna u sar l-impatt.*

---

[7] ara xhieda tal-konvenut a fol. 111 – 112 .
[8] ara affidavit tieghu a fol – 28 .

*Din il-manuvra saret mill-konvenut meta aħna konna wasalna qrib salib it-toroq. Tant il-konvenut baqa' ħiereġ f'salt u injora kompletament l-istop sign illi Emanuel lanqas kellu ċans jagħfas il-brake.*

*Ma nafx b'liema veloċita' kienet għaddejja l-vettura ta' Emanuel Farruġia iżda ċert illi ma kienx isuq b'veloċita' għolja. Iżda peress li l-konvenut ħareġ f'salt u Emanuel ma kellux ċans jibbrejkja, l-impatt kien pjuttost qawwi…"*

Mill-iskizz redatt mis-surġent Mario Xiberras li nvestiga l-każ,[9] jidher illi:

1. il-karozza misjuqa mill-attur Emanuel Farrugia ħalliet sett ta' żewġ *tyre marks* ta' tlettax-(13) il metru; dawn jibdew fit-tarf tas-*centre strip* impittra ma' l-art tal-kareġġjata ta' min ikun ġej mid-direzzjoni tal-Qala, biex idur għat-triq li tieħu n-Nadur u faċċata tat-*traffic mirror* li hemm fil-ġenb tax-xellug tat-triq ta' min ikun ġej mill-istess direzzjoni;

2. li *spot of impact* x'aktarx kien qrib ta' fejn jidher li tħalla "*scattered windscreen glass of car FBE - 261 (Toyota*)";

3. il-karozza ta' l-attur spiċċat fit-tarf ta' dawn it-*tyre marks* imdawwra *at right angles* tħares lejn Għajnsielem, u dik tal-konvenut spiċċat ftit iżjed 'l fuq minnha kemm xejn la ġenbha , imma baqgħet tħares lejn ir-Rabat;

4. fuq l-istess skizz il-konvenut immarka b'linka blu fejn jaħseb li kienu l-vetturi rispettivi hekk kif saret il-ħabta.[10]

Il-ħsarat li ġarrbu l-karozzi rispettivi ġew deskritti mis-surġent Xiberras bħala "*extensive*". Il-karozza tal-konvenut kellha ħsara fuq "*all front; windsreeen and*

[9] a fol. 64 .
[10] ara deposizzjoni tal-konvenut a fol. 112 – 113 .

*extensive damage on the (driver) right side."*, filwaqt illi dik ta' l-attur kellha: "*all front including windscreen; right running board; right door; roof* " u jkompli jispjega illi: "*The police noted that mostly damage was on the right*."[11]

L-inċident stradali in kwistjoni seħħ f'salib it-toroq. Insibu fil-**Highway Code** f'dan ir-rigward illi:

" **84. Use extra care at junctions or intersections. Look out for the relevant traffic signs, traffic lights or carriageway markings and abide by them. Stop at STOP signs…Where there are no such signs exercise discretion and prudence.**

**85. Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, where safe to do so, take up the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicle before you complete a rignt turn.**

**86. On turning at a junction look right, then left, then right again. Do not go on until you are sure that it is safe to do so...**

**91. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way on traffic crossing, joining or leaving the major road.**

**92. At an intersection or junction of a major road and a minor road, traffic on the latter road should give way to traffic on or coming off the major road."**

M'hemmx dubbju illi fil-każ in eżami l-*major road* kienet Triq Borg Għarib minn fejn kien għaddej l-attur Emanuel Farrugia, u għalhekk skond dawn ir-regoli kellu d-dritt jippretendi illi t-traffiku li jkun ħiereġ mit-triq sekondarja għandu jċedilu. Ġie ribadit fid-dottrina illi: "*There is a well regognised rule that traffic entering or crossing a main road must give way to traffic proceeding along the main*

[11] ara okkorrenza a fol. 60 u ritratti Dok. EF 1, 2 u 3 a fol. 25, 26 u 27 .

*road from either direction… it is important that the rule should be observed and the rignt which it confers should not be allowed to be whittled away; drivers who have the rule in their favour are entitled that the rule will be observed by others*." [12] Hekk ukoll ingħad illi: "*When coming from a side road into a main road,the driver or rider on a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety*." [13]

Ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna illi s-*side road user* għandu dritt li jaqsam għal ġo *main road* meta bid-debita prudenza, jkun aċċerta ruħu li din hi libera,[14] u li dan irid jidħol ġo *main road* bla ma jieħu riskju li sewwieq prudenti ma jieħux.[15]

Fil-każ tagħna nsibu li l-konvenut stqarr li waqaf fuq l-istop sign u ħa d-debiti prekawzjonijiet kollha rikjesti minnu fiċ-ċirkostanzi, tant hu hekk illi wara li aċċerta ruħu li ma kien ġej ħadd mill-ebda direzzjoni, qala' fuq il-*first gear*, qasam għan-naħa l-oħra tal-*main road* u beda jdawwar x'ħin f'daqqa waħda tfaċċat fuqu l-karozza misjuqa mill-attur Emanuel Farrugia b'veloċita qawwija. Mill-provi prodotti jidher pero' li l-affarijiet ma ġrawx propju kif qed isostni l-konvenut. Ma tantx huwa verosimili illi f'dawk il-ħinijiet, meta kien għadu d-dlam u allura żgur li l-vetturi rispettivi kellhom il-*headlamps* mixgħulin, il-konvenut ma setgħax ma ndunax li kienet ġejja xi vettura mid-direzzjoni tar-Rabat. Li wisq probabbli ġara kien illi ħaseb li l-attur kien għadu l-bogħod u huwa kien ser ikollu biżżejjed ċans li joħroġ. Imma sfortunatament ikkalkula ħażin, għax minkejja li laħaq ħareġ fuq it-triq prinċipali u anke beda jdawwar fid-direzzjoni tar-Rabat, malajr sab lill-attur ma' wiċċu u dan baqa' dieħel ġo fih. Lanqas huwa kredibbli dak li jsostni l-konvenut illi huwa kien kważi dawwar għal kollox fid-direzzjoni tar-Rabat. Jirriżulta ampjament mid-deskrizzjoni tal-ħsarat magħmul mis-surġent Xiberras, kif ukoll mir-ritratti esebiti, li l-impatt mal-vettura tal-konvenut

[12] O. C. Mazengard : Negligence on the Highway (Butterworths Ed. 1962 pg. 326 - 327) .
[13] Charlesworth : The Law of Negligence (2nd Ed. pg. 82) .
[14] Appell Kriminali : Pulizija vs Nazzareno Borg : 11.11.1960 .
[15] Appell Kriminali : Pulizija vs Giuseppe Galdes : kollez. vol. XXXVII p. 1108 .

ma kienx frontali, imma fuq il-ġenb tan-naħa tad-*driver.* Dan jindika li l-konvenut kien proprju għadu kemm ħareġ minn fuq l-*istop sign* u nvada l-karreġġjata ta' l-attur, li f'dawk iċ-ċirkostanzi ftit seta' jagħmel biex jevita l-ħabta.

Jibqa' biss sabiex jiġi nvestigat jekk l-attur innifsu setgħax ikkontribwixxa b'xi mod għall-istess inċident. Bħala l-*main road user* bir-raġun kien jippretendi illi jkollu d-dritta fit-triq, u li jekk kien hemm xi vetturi neżlin mit-triq tan-Nadur, dawn kienu ser jieqfu f'salib it-toroq u jċedulu. M'hemmx dubbju li l-attur Emanuel Farrugia ġie rinfaċċjat b' *a sudden emergency* bil-manuvra imprudenti tal-konvenut, li qabad u ħareġ f'daqqa għal ġol-*main road*. Huwa minnu wkoll illi ma tantx seta' jieħu *evasive action* effettiva. Infatti lanqas biss kellu ċans japplika l-brakes. L-allegazzjoni tal-konvenut illi l-attur kien qed isuq *on the crown of the road*, lanqas ma tirriżulta. Eżami ta' l-iskizz ta' l-inċident juri illi fejn seħħ l-impatt l-attur kien għadu fuq il-*lane* tiegħu u qabeż dan il-*lane* ma' l-impatt, x'ħin il-karozza tiegħu baqgħet titkaxkar għad-dritt. Ma jistax jiġi nnegat pero' illi l-attur kien għaddej b'ċerta veloċita' li ma ppermettitlux jikkontrolla sew il-karozza tiegħu hekk kif ġie rinfaċċjat b'din l-emerġenza. It-tul ta' tlettax-il metru *tyre marks* imħollija mit-tkaxkira tal-karozza tiegħu anke wara li seħħet il-kollożjoni, il-pożizzjoni ta' kif spiċċaw il-karozzi u l-konsistenza tal-ħsarat estensivi fiż-żewġ karozzi, jindikaw impatt qawwi ħafna, b'konsegwenza ta' veloċita' ferm aktar minn dik konsentita, speċjalment fl-inħawi ta' inkroċju xi ftit jew wisq komplikat, bħal ma kien hemm fil-każ in eżami. Kif ġie enfasiżżat mill-qrati tagħna, "… *jekk wieħed ikun għaddej minn main road, għalkemm igawdi right of way, xorta waħda għandu l-obbligu bħal kull sewwieq ieħor li jsuq b'attenzjoni, li jfisser li jagħraf il-waqt u jagħmel mill-aħjar tiegħu sabiex jevita kull inċident possibbli, u b'mod li dejjem għandu jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa sabiex ma jkunx ta' perikolu għall-utenti ta' l-istess triq u oħrajn u ma għandux jinsa l-obbligi tiegħu u jabbuża mid-dritta li għandu*." [16] Hekk ukoll ġie ribadit illi: "…*ma jista' jkun lanqas dubitat illi l-fatt li wieħed ikun qed*

[16] Prim'Awla : Joseph Bugeja vs Frankie Zammit : 4.4.1984 vol. LXVIII. ii. 446 .

*isuq fi triq prinċipali, dan ma jiddispensahx ċertament mill-obbligu primarju nkombenti fuq kull utent tat-triq li juża d-diliġenza meħtieġa fis-sewqan*." [17] Intqal ukoll illi: "*Main road user m'għandux unikament għax u bħala tali, xi brevett ta' immunita' minn kwalunkwe responsabilita' f'kull infortunju stradali li fih ikun ko-involt side road user*." [18]

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-veloċita' eċċessiva ta' l-attur ikkontribwiet ukoll b'mod sostanzjali għal dan l-inċident. Il-fatt li l-konvenut kien ħareġ għal kollox u beda ukoll idawwar għal fuq il-karreġjata ta' min ikun ġej mid-direzzjoni tal-Qala, jindika illi laħaq għadda ċertu ħin, anke jekk kienu ftit sekondi, minn x'ħin l-attur lemaħ lill-konvenut l-ewwel darba fuq l-*istop sign*. Infatti Anthony Camilleri li kien miegħu, ammetta li rawh inaqqas xi ftit mill-veloċita fuq l-*istop sign* qabel ħareġ. Madanakollu minkejja li raħ, minflok ma naqqas mill-veloċita' li kien għaddej biha huwa wkoll, għażel li jibqa' għaddej kif kien, għax kellu d-dritta. Imma veloċita' iktar moderata kienet tikkonsentilu jibbrejkja fil-ħin fi sforz li jevita l-inċident, jikkontrolla l-karozza tiegħu aħjar u jekk xejn iżjed inaqqas xi ftit mis-saħħa ta' l-impatt. Għaldaqstant jixraq illi terz mill-ħtija tiġi attribwita lill-attur Emanuel Farrugia.

Rigward id-danni kkaġunati fil-karozza ta' l-atturi konjuġi Farrugia, ġie prodott is-*surveyor* Tarcisio Mercieca, li wara li kkonferma li l-karozza tagħhom spiċċat ikkonsidrata bħala *a total loss*, stabilixxa l-valur tagħha fis-suq qabel ma seħħ dan l-inċident fl-ammont ta' tmint elef u ħames mitt lira maltija (Lm8500), u dan wara li ħa in konsiderazzjoni it-tip ta' karozza, kemm kien ilha fit-triq u kemm kellha milage.[19] L-atturi kkontestaw din l-istima, għax qalu li ma jistax ikun li karozza bħal dik li kienet ġiet mixtrija għal Lm14,000 niżlilha daqshekk il-valur tagħha. Imma tenut kont illi l-istess xhud ibbaża l-konstatazzjonijiet tiegħu fuq il-*value book* ta' l-assoċjazzjoni tal-kumpaniji ta' assikurazzjoni, l-esperjenza tiegħu f'dan il-qasam u l-fatt li ħa l-fatturi kollha rilevanti in konsiderazzjoni, kif sewwa jispjega fid-

[17] Appell : Citadel Insurance Plc noe. et vs Paul Scerri : 22.6.2005 .
[18] Appell : Lawrence Montebello vs Vincent gatt : 19.8.1966 .
[19] ara deposizzjoni tieghu a fol. 45 – 48 .

depożizzjoni tiegħu, din il-Qorti ma ssib ebda raġuni għaliex għandha titbiegħed minn din l-istima. Is-somma ta' Lm8500, jew aħjar illum EUR 19805 qegħda għalhekk tittieħed bħala l-valur tal-karozza tal-konjuġi Farrugia immedjatament qabel ma seħħ l-inċident in kwistjoni.

Rigward id-danni kkaġunati lill-attur l-ieħor, bħala **damnum emergens** dan qed jirreklama l-ispejjeż tas-sessjonijiet ta' fiżjoterapija li kellu jagħmel per konsegwenza ta' l-uġiegħ li kien qed ibati minnu wara dan l-inċident. Dwar dan xehdu kemm it-tabib tal-familja Dr. John Xuereb Dingli,[20] il-fisjoterapista Frank Xerri,[21] u ġew esebiti wkoll ir-riċevuti relattivi.[22] M'hemm l-ebda raġuni għaliex dawn l-ispejjeż m'għandhomx ikunu ripetibbli, ġialadarba jidher li huma konnessi direttament mal-feriti li ġarrab l-attur kawża ta' dan l-inċidenċ stradali. B'kollox kien hemm erba' sessjonijiet bit-Lm3.50 il-waħda, u għalhekk: Lm14, jew aħjar illum: EUR32.62.

L-attur Emanuel Farrugia qed jirreklama wkoll id-danni għat-telf futur. Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf, ma hemm l-ebda regola fissa u l-qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta' diskrezzjonali tagħhom….. Diversi drabi l-qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'.*[23] Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża: ***"****Il-Qorti tara li fil-ġurisprudenza tagħna ġie kemm-il darba misħuq li minkejja ċerti prinċipji li jirriżultaw mill-ġurisprudenza, dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita' ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta' probabilita'. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta*

---

[20] ara affidavit tieghu a fol 31 .
[21] ara affidavit a fol. 35 .
[22] dokti. X1 - X4 .
[23] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et : Appell : 15.1.2002 .

*tingħata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'.*[24] Għal numru ta' snin il-qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilit għall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tagħat oriġini għal dak li jissejjaħ il-*multiplier system* li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bazata fuq il-*life expectancy* tieghu mizjud b'percentwali biex taghmel tajjeb ghall-inflazzjoni u ziediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' certu ammont minhabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-aħħar snin pero' dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żmenijiet attwali.[25]

L-attur ressaq bħala xhud tiegħu f'dan ir-rigward lil zijuh Anthony Farrugia, li qal li dik il-ħabta Emanuel Farrugia kien impjegat mal-kumpanija tiegħu bħala *real estate broker*. Qal illi kien qed idaħħal bħala paga u *commission* bejn Lm8000 u Lm10,000.[26] Imma dwar dan ma nġiebet ebda tip ta' prova dokumentarja bħal per eżempju dikjarazzjoni ta' impieg mal-korporazzjoni għax-xogħol u taħriġ, jew xi formula tad-dħul għal skopijiet ta' taxxa. F'tali ċirkostanzi l-Qorti tħoss li għandha toqgħod fuq paga bażi ta' Lm5000 fis-sena, li hija waħda iżjed realistika għal tmien snin ilu.

L-espert mediku Mr. Carmel Sciberras stabilixxa r-rata ta' diżabilita' permanenti li qed isofri minnha l-attur bħala waħda ta' tlieta fil-mija (3%).[27]

Fil-kawzi li segwew Butler vs Heard b'mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqgħalha taħdem il-vittma, kieku ma seħħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta' għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena.

---

[24] Francis Sultana vs. John Micallef et noe. Et : Appell : 20.7.1994 .
[25] Emanuel Mizzi vs Carmel Attard : sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003 .
[26] ara affidavit tieghu a fol. 30 .
[27] ara rapport peritali esebit ft-22 ta' Janar 2009 .

Illum-il ġurnata pero’ meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta’ tal-pensjoni, (u tagħna saret 65 sena), ma baqa’ ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha.[28] Meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 22 sena[29] u għalhekk kien għad baqgħalu ħajja lavorattiva ta' tlieta u erbgħin (43) sena. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: Lm5000 (medja ta' paga bażi) x 43 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 3% (debilita' permanenti) = Lm6450. Billi għaddew iżjed minn seba' snin minn meta ġiet ppreżentata l-kawża, l-Qorti jidhrilha illi m'għandux jitnaqqas is-solitu kwint minħabba l-*lump sum payment,* u għalhekk fi flus ta' llum l-ammont likwidat għal dan il-fini għandu jkun EUR 15028.

Madankollu billi lill-attur Emanuel Farrugia ġiet attribwita terz (1/3) tal-ħtija għal dak li ġara, jiġi li huwa attwalment dovut:

(i) lill-**atturi konjuġi Farrugia**, l-ammont ta' EUR19805 x 2/3 = EUR13203.33; u

(ii) lill-**attur Emanuel Farrugia**, EUR32.62 + EUR15028 = EUR15060.62 x 2/3 =EUR10040.41

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi:

1. tiddikjara lill-konvenut u lill-attur Emanuel Farrugia responsabbli għall-inċident stradali mertu ta' din il-kawża, imma b'mod inugwali, u ċioe' l-konvenut għal żewġ terzi (2/3) tal-ħtija u l-attur għal terz (1/3);

2. tillikwida d-danni kaġunati fil-karozza ta' l-atturi konjuġi Farrugia fis-somma ta' dsatax-il elf tmien mija u ħames euro (EUR19805);

3. tillikwida d-danni sofferti mill-attur Emanuel Farrugia minhabba fl-istess incident, fl-ammont ta'

---

[28] Agius vs. Galea et noe. : Kummerc : 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi : Kummerc : 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg : Prim’Awla : 8.5.1990 .

[29] twieled fis-27.10.1979 (ara okkorrenza dwar l-incident a fol 58) .

hmistax il-elf  u sittin ewro u tnejn u sittin ċenteżmu (EUR15060.62); u

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi żewġ terzi (2/3) minn dawn l-ammonti hekk likwidati, u ċioe' tlettax-il elf mitejn u tliet euro u tlieta u tletin ċenteżmu (EUR 13203.33) lill-atturi konjuġi Farrugia u għaxart elef u erbgħin euro u wieħed u erbgħin ċenteżmu (EUR10040.41) lill-attur l-ieħor Emanuel Farrugia.

L-ispejjeż għandhom, l-istess, jiġu ssoportati kwantu għal żewġ terzi (2/3) mill-konvenut u terz mill-attur Emanuel Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------